

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għoddha ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

**►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 439/2011
tas-6 ta' Mejju 2011**

dwar deroga mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 dwar id-definizzjoni tal-kunċett tal-prodotti oriġinanti li jintuża għall-finijiet tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati sabiex titqies is-sitwazzjoni speċjali tal-Kap Verde fir-rigward tal-esportazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd lejn l-Unjoni Ewropea

(ĠU L 119, 7.5.2011, p. 1)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 440/2012 tal-24 ta' Mejju 2012	L 135	1	25.5.2012
►M2	Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1338/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014	L 360	17	17.12.2014

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 439/2011

tas-6 ta' Mejju 2011

dwar deroga mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 dwar id-definizzjoni tal-kunċett tal-prodotti oriġinanti li jintuża għall-finijiet tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati sabiex titqies is-sitwazzjoni speċjali tal-Kap Verde fir-rigward tal-esportazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd lejn l-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [tal-Komunità] ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 89 tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 815/2008 ⁽³⁾ il-Kap Verde ngħata deroga mir-regoli ta' oriġini stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li permezz tagħha seta' jqis ċerti prodotti tas-sajd magħmulin fil-Kap Verde minn ħut li mhux ta' oriġini bħala li jorġinaw fil-Kap Verde. Din id-deroga skadiet fil-31 ta' Diċembru 2010.
- (2) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 894/2010 ⁽⁴⁾ il-Kap Verde ngħata żieda fil-kwantitatijiet stipulati fl-2010 fir-rigward ta' tnejn mit-tliet kategoriji ta' prodotti tas-sajd koperti mir-Regolament (KE) Nru 815/2008. Il-kwantitatijiet tad-deroga tqajmu skont dan għal 2 500 tunnellata għal qatħaq tal-Kavalli ppreparati u ppreservati u għal 875 tunnellata għal qatħaq ta' Tumbrell (Auxis Thazard u Auxis Rochei) ippreparati u ppreservati.
- (3) Permezz tal-ittra ddatata l-21 ta' Ottubru 2010 il-Kap Verde ressaq talba għal estensjoni ta' din id-deroga. B'ittri ddatati t-3 u l-21 ta' Diċembru 2010, u l-14 ta' Jannar 2011 huwa ressaq informazzjoni komplementari b'appoġġ għal din it-talba.
- (4) It-talba hija estensjoni għal sena u volum ta' 2 500 tunnellata għal qatħaq tal-Kavalli ppreparati u ppreservati u għal 875 tunnellata għal qatħaq ta' Tumbrell (Auxis Thazard u Auxis Rochei) ippreparati u ppreservati.

⁽¹⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 220, 15.8.2008, p. 11.

⁽⁴⁾ ĠU L 266, 9.10.2010, p. 39.

▼B

- (5) Bejn l-2008 u l-2010 l-kwantitajiet annwali totali mogħtija oriġinalment ikkontribwixxew, sa ġertu punt sinifikanti, għat-titjib tas-sitwazzjoni fis-settur għall-ipproċessar tal-ħut u, sa ġertu punt, għat-tiġid tal-flotta mhux industrijali tal-Kap Verde, li hija ta' importanza vitali għal dak il-pajjiż. Madankollu, sabiex il-flotta tal-Kap Verde tiġġedded kompletament għal-livell previst jeħtieġ żieda fil-kapaċċità disponibbli sabiex tīgħi pprovduta bizzżejjed materja prima oriġinarja lill-industriji għall-ipproċessar tal-ħut tal-Kap Verde.
- (6) It-talba turi li, mingħejr id-deroga, l-abbiltà tal-industrija tal-ipproċessar tal-ħut tal- Kap Verde sabiex tkompli tesporta lejn l-Unjoni tista' tīgi affewwata b'mod sinifikanti, li tista' tkun ta' deterrent għal aktar żvilupp tal-flotta tal-Kap Verde għal sajd żgħir pelaġiku.
- (7) Id-deroga sservi biex tagħti lill-Kap Verde bizzżejjed ħin sabiex iħejji lili nniflu sabiex jikkonforma mar-regoli għall-akkwist tal-oriġini preferenzjali. Huwa meħtieġ perjodu sabiex jiġi żgurat li l-isforzi sabiex tiġġedded il-flotta tas-sajd lokali jibqgħu għaddejji u b'hekk il-Kap Verde jittejeb l-abbiltà tiegħu li jipprovdvi lis-settu lokali għall-ipproċessar tal-ħut b'ħut ta' oriġini.
- (8) Peress li l-estensjoni hija mitluba għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2011, sabiex tīgi żgurata kontinwità tal-importazzjoni mill-Kap Verde lejn l-Unjoni, għandha tingħata deroga ġidida b'effetti retroattivi mill-1 ta' Jannar 2011.
- (9) Sabiex jingħata permess li d-deroga temporanja tīgi limitata għall-perjodu meħtieġ sabiex il-Kap Verde jikseb konformità mar-regoli, id-deroga għandha tingħata għal perjodu ta' sena firrigward ta' 2 500 tunnellata għal qatħat tal-Kavalli ppreparati u ppreservati u għal 875 tunnellata għal qatħat ta' Tumbrill (Auxis Thazard u Auxis Rochei) ippreparati u ppreservati.
- (10) Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jistipula r-regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji. Sabiex tkun żgurata l-ġestjoni effiċċjenzi b'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritatijiet tal-Kap Verde, l-awtoritatijiet doganali tal-Unjoni u l-Kummissjoni, dawk ir-regoli għandhom jaapplikaw mutatis mutandis għall-kwantitajiet importati skont id-deroga konċessa b'dan ir-Regoalment.
- (11) Sabiex jiġi permess monitoraġġ aktar effiċċjenzi tal-operat tad-deroga, huwa meħtieġ li jiġi stipulat l-obbligu għall-awtoritatijiet tal-Kap Verde, skont l-Artikolu 89(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, sabiex jibagħtu b'mod regolari lill-Kummissjoni dettalji taċ-ċertifikati ta'oriġini tal-Formola A li ngħataw.

▼B

- (12) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼M1*Artikolu 1*

Permezz ta' deroga mill-Artikoli 72, 73 u 75 sa 79 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, l-oġġetti li ġejjin jridu jiġu meqjusa bħala oriġinanti mill-Kap Verde skont l-arranġamenti stipulati fl-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan ir-Regolament:

- (a) qatgħat ta' Kavalli ppreparati jew ippreservati taħt il-kodiċi NM 1604 15 11 u ex 1604 19 97 prodotti fil-Kap Verde minn Kavalli mhux ta' oriġini tal-intestaturi HS 0302 jew 0303;
- (b) qatgħat ta' Tumbrell (Auxis Thazard u Auxis Rochei) ippreparati jew ippreservati taħt il-kodiċi NM 1604 19 97 prodotti fil-Kap Verde minn Tumbrell (Auxis Thazard u Auxis Rochei) mhux ta' oriġini tal-intestaturi HS 0302 jew 0303.

▼M2*Artikolu 2*

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 għandha tapplika għal prodotti esportati mill-Kap Verde iddiċċi għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, matul il-perjodi mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011, l-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012, l-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, l-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014, l-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015, l-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016, sal-kwantitajiet stipulati fl-Anness, fejn il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 74 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 huma ssodisfati.

▼B*Artikolu 3*

Il-kwantitajiet stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 4

1. L-awtoritajiet doganali tal-Kap Verde għandhom jieħdu l-passi neċċessarji sabiex iwettqu kontrolli kwantitativi fuq l-esportazzjoni tal-prodotti elenkti fl-Artikolu 1.
2. Dan li ġej għandu jitniżżeel fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat tal-oriġini Formola A maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kap Verde skont dan ir-Regolament: "Deroga — Regolament (KE) Nru 439/2011".
3. Kull tliet xħur l-awtoritajiet kompetenti tal-Kap Verde għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni tal-kwantitajiet li nhargħulhom ġertifikati tal-oriġini Formola A skont dan ir-Regolament u n-numri ta' 'serje ta' dawn iċ-ċertifikati.

▼B

Artikolu 5

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

▼M2*ANNESS*

Nru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodi	Kwanitā (f'piż nett ta' tunnellati)
09.1647	1604 15 11 ex 1604 19 97	Qatgħat ta' Kavalli ppreparati jew ippreservati (<i>Scomber scombrus</i> , <i>Scomber japonicus</i> , <i>Scomber colias</i>)	1.1.2011 sal-31.12.2011 1.1.2012 sal-31.12.2012 1.1.2013 sal-31.12.2013 1.1.2014 sal-31.12.2014 1.1.2015 sal-31.12.2015 1.1.2016 sal-31.12.2016	2 500 2 500 2 500 2 500 2 500 2 500
09.1648	ex 1604 19 97	Qatħat ta' Tumbrell ippreparati jew ippreservati (<i>Auxis thazard</i> , <i>Auxis rochei</i>)	1.1.2011 sal-31.12.2011 1.1.2012 sal-31.12.2012 1.1.2013 sal-31.12.2013 1.1.2014 sal-31.12.2014 1.1.2015 sal-31.12.2015 1.1.2016 sal-31.12.2016	875 875 875 875 875 875